



# Iċ-Ċuqlajta

*Perit Michael Schembri*

Il-knisja tagħna, minkejja li mhix xi waħda mill-knejjes magħrufa għat-teżori li fiha, xorta waħda għandha ħafna affarijiet li huma meħtieġa għas-servizzi liturġiċi u għat-tiżjin li jsir fiha fl-okkażjonijiet differenti. Hija ħaġa sabiħa li napprezzaw il-wirt kollu li ħallewlna ta' qabilna. Iżda l-apprezzament jista' jkun ferm ikbar jekk nagħtu wkoll sehemna biex nibżgħu għall-affarijiet li għandna. Ma nistgħux nippretendu li kollox se jibqa' ġdid. Fid-dar tagħna stess naraw li minn żmien għal żmien, kollox jibda jinqala'. U llum, kollox jiswa l-flus waqt li l-ħin sar prezzjuż wisq.

Kultant inserrħu l-kuxjenza tagħna billi noffru dik ix-xi ħaġa żgħira waqt il-ġabra u wara nistennew li se nsibu kollox sabiħ, nadif u organizzat. Ma nistax nikkummenta jekk aħniex ġenerużi jew le fl-għajnuna li noffru – jiġifieri kemm tajna flus jew ħin. Iżda nixtieq dejjem infakkar li għandna naraw li fejn ikun possibbli, ma ssirx ħsara volontarja jew bit-traskuraġni.

Is-sena d-dieħla, il-qniepen sbieħ tal-knisja ta' Birżebbuġa se jagħlqu ħamsin sena fostna. Żgur li se jkunu bosta dawk li se jiktbu fuqhom fuq il-pubblikazzjonijiet li joħorġu għall-festa ta' San Pietru. Il-qniepen fl-imgħoddi kienu jiggwidaw ir-raħal – isejħu n-nies għat-talb jew biex jiġu l-knisja u kienu wkoll iħabbru ġrajjiet ta' ferħ u ta' niket. Illum aktarx li nsibu bosta li ma jifhmux it-tifsira tal-qniepen u jibdew jarawhom żejda. Il-prudenza hija meħtieġa. Iżda wisq naħseb li sirna materjalisti żżejjed kif ukoll xħaħ fejn tidħol ir-reliġjon.

Fil-Ġimgħa Mqaddsa, bejn il-Glorja tal-quddiesa f'Ħamis ix-Xirka, li fiha titfakkar l-aħħar ikla tal-








Mulej, sal-Glorja tal-quddiesa tal-vġili ta' Sibt il-Għid, li fiha nfakkru l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù, il-qniepen jisktu bħala sinjal ta' luttu minħabba l-passjoni u l-mewt ta' Kristu. Minħabba li r-Rit Ruman ma jippermettix li jindaqqu l-qniepen, f'ħafna parroċċi hemm l-użanza li tindaqq iċ-ċuqlajta bħala sinjal biex nistiednu n-nies sabiex jiġu għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru.

Jien kont naħseb li ċ-ċuqlajta hija xi tradizzjoni lokali li vvintawha l-antenati tagħna biex bħal donnu jduru mal-lewża u minflok mill-bieb, jidħlu mit-tieqa. Għandna ħafna tradizzjonijiet li huma hekk, speċjalment fejn jidħol is-sawm. Fost dawn insemmi l-karamelli tal-ħarrub, it-te jew il-kafè iswed, kif ukoll niftakar il-*Kalendarju Franġiskan* li kien ikollu l-ġranet tas-sawm immarkati b'ħuta. Kulħadd iġebbed kemm jiflaħ dwar dak li jikser is-sawma u dak li ma jiksirhiex. U għax ma jiksirhiex, tista' tieħu minnu kemm trid. Kemm-il darba smajt b'familji u soċjetajiet li jorganizzaw xi ikla ħut proprju fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Darba niftakar li kienu qaluli li fil-ġranet tal-astinenza mil-laħam, is-sorijiet tal-Klawsura kienu jieklu l-papri u l-fkieren.

Intant immorru lura fuq is-suġġett li konna bdejna jiġifieri ċ-ċuqlajta. Sibt xi artikli fuq l-*internet* li jgħidu li bosta mid-drawwiet u l-użanzi li għandna hawn Malta, ħadniehom mill-Ispanjoli, mill-Isqallin jew mill-parti t'isfel tal-Italja. Iċ-ċuqlajta hija waħda minn dawn id-drawwiet li għadna kemm semmejna.

Fil-parroċċa tagħna għandna kemm iċ-ċuqlajta l-kbira kif ukoll tnejn żgħar li jużaw l-abbatini minflok il-qanpiena tas-*Sanctus*. Ma naf b'ebda dokumentazzjoni dwar l-oriġini tagħhom. Iżda jingħad li ċ-ċuqlajta (il-kbira) kienet inħadmet minn wieħed Malti ta' Lixandra għall-knisja l-qadima tad-Duluri. Meta ttrasferew il-parroċċa, iċ-ċuqlajta u t-tliet qniepen li kien hemm tqiegħdu fil-kampnar tal-knisja l-ġdida. Iċ-ċuqlajta tpoġġiet fuq nett, fejn illum hemm il-qniepen, waqt li l-qniepen tpoġġew ftit 'il fuq mill-ewwel tieqa t'isfel tal-kampnar.

Wara l-gwerra, is-soċi tal-Museum bdew jużaw il-knisja tad-Duluri. Is-Superjur Ġorġ Pace kien ġab in-nofs bomba li għadha hemm fil-kampnar tan-naħa tal-bajja. Jgħidu wkoll li n-nofs l-ieħor tal-bomba kien qiegħed f'xi qasam ieħor tal-Museum, aktarx f'Ħal Għaxaq.

Mal-wasla tal-qniepen fl-1969, iċ-ċuqlajta tpoġġiet fit-torri ta' maġenb il-kampnar waqt li l-akbar qanpiena li kien hemm reġgħu ħaduha l-knisja tad-Duluri, minn fejn kienet ġiet. Iż-żewġ qniepen iż-żgħar tħallew fejn kienu sas-sena 2000 meta ħadniehom ukoll fil-knisja l-qadima.

Iċ-ċuqlajta baqgħet tintuża sa nofs is-sebgħinijiet iżda wara ma baqgħetx tindaqq. Iż-żmien kien beda jħalli l-effetti fuqha u kien fiha battikata biex tasal ħdejha sabiex tindaqq bl-idejn. Kien hemm ukoll il-periklu li waqt li tkun qed iddur, ittir xi biċċa minnha u forsi tweġġa' lil min ikun qribha jew taħtha. Iċ-ċuqlajti tal-idejn baqgħu jintużaw sal-1978.

Sal-1982 iċ-ċuqlajta kienet għadha mdendla f'postha. Billi ma kinitx marbuta, kien hemm xi drabi meta nħakmet mir-riħ u bdiet iddoqq waħidha. Darba minnhom instabet imwaqqgħa minn fuq is-seratizzi u s-seratizzi ma dehrux aktar. Kien hemm min ried jgħid li waqgħet waħidha. Kumbinazzjoni, għall-festa ta' dik is-sena, żdiedu xi pilandri fost l-armar ta' barra. U s-seratizzi li kien hemm fil-pilandri ma tantx kienu jidhru li għadhom kemm inxtraw ġodda.

Fis-sena 1991 reġgħu bdew jintużaw iċ-ċuqlajti ż-żgħar. Kellhom bżonn xi tiswijiet li ħa ħsieb jagħmilhomlhom Salvu Bonello. Imbagħad iċ-ċuqlajta l-kbira bdiet terġa' titwaħħal ukoll fil-kampnar u aktar tard fit-torri. Kull sena beda jingħad li għal sena oħra trid issir waħda ġdida. Imbagħad tgħaddi sena u fl-aħħar ħmistax issirilha tiswija temporanja li aktarx ma kinitx isservi sabiex iċ-ċuqlajta tibqa' sħiħa sas-Sibt filgħaxija.

Eżatti wara l-Għid ta' din is-sena, xi dilettanti ħadu l-inizjattiva biex issir waħda ġdida. Inxtraw xi twavel tal-iroko u bdiet tinħadem, kemm iċ-ċuqlajta kif ukoll il-makkinarju li jdawwarha. Nittamaw li ma ddumx ma tkun lesta ħalli titqiegħed fil-post għal-lest għas-sena d-dieħla.

***

Se nagħti deskrizzjoni ħafifa tal-għamla taċ-ċuqlajta.

Iċ-ċuqlajta tal-idejn tkun forma ta' paletta fissa tal-injam li magħha jkun hemm imwaħħlin żewġ paletti oħra li jħabbtu fuqha meta tiċċaqlaq biex tindaqq. Il-paletti ż-żgħar jistgħu jkunu mwaħħlin permezz ta' spaga jew f'forma ta' ċappetta magħmula wkoll mill-injam.

Iċ-ċuqlajta tal-kampnar tkun forma ta' salib vojt li meta jdur ikollu mrietel li jaqgħu u jħabbtu fuqu.